**Stqarrija Ministerjali mill-Prim Ministru Joseph Muscat dwar iż-żjara uffiċjali fl-Istat ta' Iżrael u l-Palestina u dwar iż-żjara tal-Prim Ministru Grieg f'Malta**

Sur President,

Illum, nixieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar iż-żjara tiegħi fl-Iżrael u l-Palestina u dwar ż-żjara li għamel ftit siegħat ilu il-Prim Ministru Grieg f'Malta.

Iż-żjara tiegħi kienet ibbażżata fuq tlett ijiem mit-Tlieta 15 ta' Ottubru sal-Hamis 17 ta' Ottubru u li verament nemmen li ħalliet impatt biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna bejn pajjiżna u l-Israel u l-Palestina rispettivament.

Din kienet l-ewwel żjara minn Prim Ministru Malti fl-Iżrael. Fl-Iżrael jien flimkien mad-delegazzjoni tiegħi li fosthom kien kemm il-Ministru għall-Affarijiet Barranin George Vella, l-Ministru għat-Turiżmu Karmenu Vella u l-Membru Parlamentari Charles Buhagiar – iltqajna mal-President Shimon Peres, il-Prim Ministru Benjamin Netanyahu u Ministri oħra Iżraeljani.

F'kull laqgħa li kellna tkellimna fuq l-proċess tal-paċi fl-Lvant Nofsani, l-istabilita fil-Mediterran u kif ukoll it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn Malta u l-Israel u Malta u l-Palestina.

Il-Minsitru għall-Affarijiet Barranin Gerorge Vella u l-Ministru għat-Turiżmu Karmenu Vella kellhom ukoll laqgħat bilaterali ma' Minsitri Iżraeljani u Palestinjani rispettivament.

**Insaħħu ir-Relazzjonijiet mal-Istat ta' Iżrael**

L-ewwel laqgħa tiegħi f'Iżrael kienet mal-Prim Minsitru Benjamin Netanyahu. Malta u l-Israel għandhom jaħdmu bħala ġirien. Hemm ħafna affarijiet komuni bejna u Iżrael. Il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta fil-Mediterran hija waħda strateġika għal Iżrael u għalhekk Malta tista tkun ta' għajnuna għal Iżrael.

Mal-Prim Ministru Netanyahu – tkellimt dwar il-proċess tal-paċi fl-Lvant Nofsani u l-istabilita fil-Mediterran. Stqarrejt il-pożizzjoni ta' Malta favur s-soluzzjoni ta' żewġ stati – Israel u l-Palestina – fejn il-poplu ta' kull pajjiż jgħix flimkien, mingħajr firdiet u mingħajr gwerer.

Flimkien mal-Prim Minsitru Netanyahu, tkellimna dwar kif kemm Malta u l-Israel jistgħu jibbenefikaw mill-ħidma ta' xulxin. Qbilna li nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna f'setturi ewlenin bħall-enerġija, is-saħħa, t-turiżmu u l-agrikultura. Malta tista ukoll taħdem mal-Iżrael fuq ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija informatika. Nemmen li t-twaqqif taċ-ċentru tal-life sciences f'San Ġwann jista' jkun ta' interess għall-imprendituri Iżraeliti.

Nemmnu li tinsab opportunita' ta' sinerġija bejn Malta u l-Iżrael. U ż-żewġ pajjiżi jistgħu jgħinu lil xulxin. Il-pożizzjoni ta' Malta fiċ-ċentru tal-Mediterran tista tgħin lil Iżrael f'dan ir-reġjun.

Waqt il-laqġħa tieġħi mal-Prim Minsitru Netanyahu, tkellimt dwar l-ko-operazzjoni fis-servizzi tas-saħħa bejn Malta u l-Israel. Kemm aħna kif ukoll l-Ġvern ta' l-Iżrael – ninsabu kommessi li naħdmu flimkien fil-qasam tas-saħħa speċjalment dak f' tal-Onkoloġija.

**Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tas-Saħħa**

Għalhekk, iffirmajna pjan ta' azzjoni fil-qasam ta-saħħa u servizzi mediċi bejn Malta u l-Iżrael. Dan il-pjan ta' azzjoni, ibbażat fuq ftehim tal-2005 li ma kienx ġie segwit, għandu iwassalna biex naqblu fuq *framework* għal implimentazzjoni – biex fost l-

oħrajn pazjenti Maltin effetwati per eżempju mill-marda kiefra tal-kanċer jingħataw kura minn tobba Iżraeliti.

L-Iżrael huwa kunsidrat bħala *"world class leader"* fil-qasam tas-saħħa. U Malta tista tibbenefika ħafna minn din il-kooperazjoni, l-aktar fil-qasam ta' l-onkoloġija. Fil-fatt, il-Ministru tas-Saħħa Godfrey Farrugia huwa mistenni li jżur Iżrael biex jiddiskuti f'aktar dettal il-framework neċessarju u l-implimentazzjoni tiegħu.

Fost affarijiet oħra ta' kooperazzjoni fi-Servizz tas-Saħħa, dan il-pjan ta' azzjoni jifokka l-aktar fuq il-finanzjament tas-servizz tas-saħħa, programmi nazzjonali tas-saħħa, skambju ta' informazzjoni f'konferenzi internazzjonali u anke skambju ta' esperti mediċi f'oqsma differenti u ta' speċjalizzazzjoni fosthom fil-kura tal-kanċer.

Fl-Iżrael kelli l-opportunita li inżur l-Istitut tax-Xjenza – il-*Weizmann*. Dan l-istitut huwa ċentru tar-riċerka, fejn 80% tal-istudenti Iżraeliti f'dawn l-oasma jiksbu d-dottorat tagħhom. Bħala Gvern Malti, jiena nixtieq li nevalvaw l-opportunitajiet li jista' joffri dan iċ-Ċentru ta' Riċerka lill-istudenti Maltin.

Kelli wkoll l-opportunita' li nżur l-isptar – *Hadassah University Hospital*. Dan l-isptar jispeċjalizza fost l-oħrajn fil-kura tal-kanċer. F'din iż-żjara, ingħatajt preżentazzjoni mit-tmexxija maniġerjali ta' dan l-isptar – dwar it-trattament taċ-ċentru mediku *Hadassah*.

**Koperazzjoni fil-Qasam ta' l-Enerġija**

IItqajt mal-Ministru tal-Enerġija u tal-Ilma Silvan Shalom, fejn iddiskutejna flimkien l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi dwar l-enerġija. Flimkien qbilna fuq pjan biex inżidu l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi u biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna għal ideat ta' innovazzjoni ġodda u l-progress li nistgħu nilħqu flimkien.

B’nuqqas ta’ riżorsi naturali, Malta għandha tiehu lezzjonijiet minn Iżrael biex tuża opportunitajiet oħra għal tkabbir ekonomiku.

Mal-Ministru Shalom, iddiskutejt proġetti ta’ enerġija u konservazzjoni ta’ l-ilma b’mod partikolari it-trattament tal-ilma u teknoloġiji oħra marbutin mal-ilma.

Nistgħu nitgħallmu ħafna minn proġetti ta’ innovazzjoni, li saru f’Iżrael. L-Istat ta’ Iżrael huwa magħruf għal proġett ta *‘reverse osmosis’*. Illum, Iżrael jirreċikla 87% ta’ l-ilma tiegħu.

Il-Ministru ta’ l-Enerġija Konrad Mizzi se jkun qed iżur l-Israel ftit jiem oħra biex jiltaqa’ mal-Minsitru Iżraljan Silvan Shalom biex jiddiskutu flimkien il-koperazzjoni ma Israel b’rabta mal-enerġija u l-proġetti tal-ilma.

**Business Forum – Opportunitajiet ta’ Kummerċ f’Malta**

Jiena u d-delegazzjoni tiegħi attendejna għal *Business Forum* organizzat mill-*Malta Enterprise*, bit-tema *“Malta a gateway to new business opportunities”*.

Id-delegazzjoni mmexxija mill-Malta Enterprise tat l-opportunita’ lill- numru ta’ negozjanti Maltin jiltaqgħu ma’ negozjanti Izraeljani.

Prezenti kien hemm il-President u t-tmexxija tal-Kamra tal-Kummerċ Maltija, li flimkien ma’ negozji oħra espremew is-sodisfazzjon tagħhom għal mod kif kient strutturata z-zjara.

**Laqgħa mal-President Shimon Peres**

Fl-laqgħa kordjali li kelli mal-President Shimon Peres, flimkien mad-delegazzjoni tiegħi – tkellimna dwar r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Istat ta’ Iżrael, l-interess komuni ta’ bejn iż-żewġ pajjiżi u l-interess ta’ Iżrael fil-Mediterran u l-Ewropa.

Nistqarr li d-diversi laqgħat li kellna fosthom mal-President Peres wasluna biex nimxu ‘l quddiem fir-relazzjoni tagħna mal-Istat ta’ l-Iżrael.  U minn relazzjoni diplomatika nibdew nibnu koperazzjoni b’saħħitha ta’ politika u kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi għall-ġid taċ-ċittadini tagħna.

**Laqgħat ma’ politiċi oħra Iżraeliti u l-iSpeaker tal-Knesset**

F’Iżrael kelli laqgħat ma’ diversi Ministri Iżraeliti fosthom il-Ministru tal-Ġustizzja Tzipi Livni u l-Ministru għall-Affarijiet Strateġiċi Yuval Steinitz.  Magħhom tkellimna dwar l-iżvilupp riċenti fl-Lvant Nofsani, l-istabbilita’ fil-Mediterran u l-proċess tal-paċi bejn l-Iżrael u l-Palestina.

Flimkien mad-delegazzjoni tiegħi, iltqajt mall-iSpeaker tal-Parlament Iżraeljan – Il-*Knesset*.  Mall-iSpeaker Yuli-Yoel Edelstin tkellimna dwar temi ta’ interess komuni bejn Malta u l-Iżrael.

**Yad Vashem Holocaust Memorial**

Kelli l-opportunita li inżur il-*Yad Vashem Holocaust Memorial* li huwa ċentru ta’ riċerka u edukazzjoni biex ifakkar il-vittmi Lhud taħt il-ħakma Nazista fit-tieni Gwerra dinja.

L-Olokawst huwa tebgħa enormi fuq l-istorja tal-umanita u din iż-żjara ddaħħal lil kwalunkwe persuna f’qoxortu.

**Insaħħu r-Relazzjonjiet mal-Palestina**

Fiż-żjara tagħna fil-Palestina, jiena flimkien mad-delegazzjoni tiegħi ltqajna mal-Prim Ministru Rami Hamdallah. Flimkien idduskutejna r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Palestina u l-proċess tal-paċi bejn il-Palestina u l-Israel.

Mal-Prim Ministru Hamdallah tkellimt dwar it-traġedja umanitarja fil-Mediterran li qed issir kontinwament.

Ippreżentajt l-aħħar briefing dwar it-traġedja li seħħet il-Gimgħa 11 ta' Ottubru fil-baħar Mediterran u fejn Malta flimkien mal-Italja mexxiet l-operazzjoni ta' salvataġġ.

Malta ħadet azzjoni konkreta u immedjata biex jiġu salvati kemm jista' jkun nies għax f'dak il-mument ta' emerġenza, ma kinitx kwistjoni ta' liema pajjiż kellu jerfa' responsabbilta' tal-immigranti.

F'din it-traġedja kienu involuti familji Palestinjani u Sirjani li kienu qed jaħarbu mill-gwerra f'pajjiżhom. Sfortunament, sal-lum ma nistgħux nikkonfermaw kemm persuni mietu, għalkemm skont intervisti li saru lil dawk li salvaw qed naħsbu li din it-traġedja setgħet ħalliet nieqsa bejn 50 u 200 persuna.

Nistqarr li l-Unjoni Ewropea trid tiehu azzjonijiet konkreti. Bid-diskussjoni biss m' aħniex se naslu. U mhijiex soluzzjoni biżżejjed li tagħti l-fondi lill-pajjiżi milquta minn din il-problema tal-immigrazzjoni llegali. L-Unjoni Ewropea ma tistax tkompli tħalli l-Mediterran jkompli jkun ċimiterju ta' popli mill-Lvant Nofsani u l-Afrika.

F’isem il-President tal-Palestina Mahmoud Abbas, li diġa’ kont iltqajt miegħu u li kien jinsab imsiefer fuq xogħol, l-Prim Ministru Hamdallah irringrazzja lill-Malta u lill-Italja għal għajnuna li tajna fl-operazzjoni ta’ salvataġġ u tal-ħidma tagħna biex insalvaw nies milli jmutu fil-baħar Mediterran.

Fil-laqgħa tiegħi mal-Prim Minsitru Hamdallah, tkellimna dwar l-proċess tal-paċi bejn l-Palestina u l-Iżrael. Emfasizzajt il-pożizzjoni ta’ Malta biex tinstab soluzzjoni dejjiema għall-paċi u fejn iż-żewġ stati jiġu rikonexxuti u n-nies tagħhom jgħixu flimkien.

Nikkonferma li l-Gvern Palestinjan għandu r-rieda politika biex jasal f’aranġament finali għall-paċi mal-Israel. Kif qalli stess il-Prim Ministru Hamdallah – dan huwa l-aħħar ċans għall- poplu Palestinjan li għal żmien twil ilu jistenna għall-paċi, bit-tama li jkun ħieles u li jkollu futur aħjar.

Għal diversi snin, Malta tat għajnuna finanzjarja lill-Palestina biex tgħin fl-iżvilupp tal-għejxien tal-poplu Palestinjan. U hekk se inkomplu nagħmlu. Fil-fatt Malta qed tagħti is-somma żgħira ta’ €110,000 bħala għajnuna lill-poplu Palestinjan. Dan l-appoġġ finanzjarju jinkludi boroż ta’ studju lill-istudenti Palestinjani.

Flimkien mad-delegazzjoni tiegħi, żort skola li tilqa fiha 400 student. Skola – mibnija u mexxija mill-Aġenzija tal-Ġnus Magħquda *(United Nations Relief and Works Agency)* f’żona f’kamp tar-refuġjati f’Betlehem. Dan il-kamp ġie imwaqqaf fl-1950, f’area inqas minn kilometru kwadru. Illum, dan il-kamp ta’ refuġjati jikkonsiti minn l’fuq minn 4,000 persuna.

Fil-Palestina, żort l-kumpless tal-Pharmacare. Kumpanija li tipproduċi antibiotiċi u mediċinali oħra. Flimkien mad-delegazzjoni tiegħi ipparteċipajt f’taħdidiet mal-

Ministru Palestinjan għall-Ekonomija Jawad Naji Hirzallah u grupp ta’ negozjanti Palestinjani.

Hawnhekk, ukoll qbilna li nwaqqfu kumitat kongunt biex insaħħu l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi. Id-delegazzjoni imexxija mill-*Malta Enterprise* kienet ukoll preżenti għal dawn it-taħdidiet. Fl-istess laqgħa ġie ffirmat ftehim ta’ kollaborazzjoni bejn il-Kamra tal-Kummerċ Maltija u l-Federazzjoni ta’ l-Industrija Palestinjana.

Iltqajna wkoll ma’ Hanan Ashrawi li hija membru tal-kumitat eżekuttiv tal-organizzazzjoni għall-liberta’ tal-Palestina – il-PLO u John Gatt Rutter li huwa l-Kap ta l-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea – fejn flimkien iddiskutejna l-proċess tal-paċi bejn Palestina u l-Israel.

**Briefing mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Quartet Tony Blair**

Kelli stedina mill-ex-Prim Ministru Ingliż Tony Blair, li huwa r-Rappreżentant tal-Quartet biex nattendi għall-briefing fl-Uffiċċju tiegħu tal-Quartet dwar l-proċess tal-paċi bejn l-Iżrael u l-Palestina.

Il-Quartet ġie imwaqqf mill-2002 u jinvolvi lill-Ġnus Magħquda, l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti u r-Russja. Ir-rappreżentant tal-Quartet Tony Blair, li ilu imexxi l-Quartet mill-2007, għandu mandat biex jgħin id-diskussjonijiet ta’ paci fil-Lvant Nofsani u jgħin fl-iżvilupp ekonomiku tal-Palestina.

Waqt il-laqgħa tagħna, l-ogħla ufficjali tal-Quartet spjegawlna dwar kif qed issir ħidma kontinwa biex tisħiħ l-Ekonomija tal-Palestina. Il-*Palestine Economic Initiative* – huwa pjan ambizzjuż ta’ tliett snin – immirat biex isaħħaħ bidla effettiva u robusta fl-ekonomija tal-Palestina. L-investiment mis-settur privat huwa wieħed mill-pilastri biex jintlaħaq il-potenzjal ta’ dan il-pjan.

Bla dubju, kundizzjonijiet ekonomici dgħajfin jheddu il-prospetti tal-paci u l-istabilta. Filwaqt li l-progress ekonomiku waħdu ma jistax jservi bħala sostitut tal-progress politiku għall-process tal-paci bejn l-Israel u l-Palestina.

Għal darba oħra, mal-ogħla ufficjali tal-Quartet, jiena stqarrejt l-pożizzjoni ta' Malta għal soluzzjoni ta' żewġ stati u li aħna ninsabu kommessi biex ngħinu fil-process tal-paci bejn l-Israel u l-Palestina – biex insaħħu l-istabilita fl-Lvant Nofsani u l-Mediterran.

**Tisħiħ tar-Relazzjonijiet**

Iż-żjara tiegħi, bħala l-ewwel Prim Ministru Malti li jżur l-Iżrael u l-Palestina, minn żmien l-Indipendenza ta' Malta l'hawn – ikkonfermat li Gvern Malti huwa interessat li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-Iżrael u l-Palestina respettivament.

Nixtieq nirringrazzja lil-Ambaxxatur Malti għal-Iżrael Simon Pullicino, lir-rappreżentant Malti fil-Palestina Mark Pace, u l-Ambaxxatur tal-Istat ta' Iżrael għall-Malta David Oren li ħadmu bis-sħiħ biex iż-żjara tiegħi u tad-delegazzjoni Maltija tilħaq l-iskopijiet tagħha.

**Laqgħa bilaterali mal-Prim Ministru tal-Greċja**

Matul il-ġurnata tal-lum żar pajjiżna l-Prim Ministru tal-Greċja Antonis Samaras fejn kellna taħdidiet uffiċjali dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran b'mod partikolari l-problema tal-Immigrazzjoni.

Il-koperazzjoni importanti li qed nibnu bejn il-pajjiżi tal-Mediterran, b'mod partikolari Malta, l-Italja u l-Greċja se tkun kruċjali biex inwasslu front komuni dwar

din il-problema, li issa iktar minn qabel, hawn realizzazzjoni li hija problema Ewropea, mhux biss problema ta' pajjiżi individwali.

Mal-Prim Ministru Samaras fil-fatt qbilna li l-kwistjoni tal-immigrazzjoni teħtieġ soluzzjoni Ewropea mill-aktar fis. Il-Prim Ministru Samaras qal li din il-problema qed issir sitwazzjoni ta' theddida għas-sigurta' Ewropea, b'mod partikolari minħabba r-racket kriminali wara dan il-fenomenu.

B'hekk kien messaġġ importanti dak li bgħattna llum flimkien bejnietna il-Greċja u Malta. Illejla stess il-Prim Ministru Samaras qed jiltaqa' mal-Prim Ministru Taljan u mistenni li flimkien inkomplu nwessgħu l-messaġġ tagħna bħala front wieħed.

Sħaqt li sal-lum smajna mill-Unjoni Ewropea kliem biss. Mhux se nkun kuntent li nerġa' nisma' kliem biss fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li se jsir fl-aħħar tal-ġimgħa.

Dak li sħaqt qabel insostnih u se nistenna riżultati konkreti mill-Kunsill Ewropew.